MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 297/2003

**U.C.I.M. Company Limited**

**Vs**

**Nicola Urpani**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm158.00c (mija u tmienja u hamsin lira Maltin) rappresentanti import ta' (3) tlett kambjali, wahda ta' Lm19.00c (dsatax-il lira Maltin), wahda ta' Lm58.00c (tmienja u hamsin lira Maltin) u wahda ta' Lm81.00c (wiehed u tmenin lira Maltin), debitament accettati u skaduti minn Mejju 2001 sa Lulju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 3 konsekuttivament u inkusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar, 2003 jammontaw ghal Lm22.00c (tnejn u ghoxrin lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament

effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar, 2002, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tac-cessjoni tas-sorte tas-socjeta’ attrici pprezentata fl-20 ta’ Marzu, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte stante li thallas fil-mori tal-kawza, u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ta’ l-ispejjez ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici ghall-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------